



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.9.2020
COM(2020) 591 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**dwar
Strateġija għall-Finanzi Diġitali għall-UE**

1. Kuntest

Il-futur tal-finanzi huwa diġitali: il-konsumaturi u n-negozji qegħdin dejjem aktar jaċċessaw is-servizzi finanzjarji b'mod diġitali, parteċipanti innovattivi fis-suq qed jużaw teknoloġiji ġodda, u l-mudelli ta' negozju eżistenti qed jinbidlu. Il-finanzjament diġitali għen liċ-ċittadini u lin-negozji jindirizzaw is-sitwazzjoni bla preċedent maħluqa mill-pandemija tal-COVID-19. Pereżempju, il-verifika tal-identità online ippermettiet lill-konsumaturi jiftħu kontijiet u jużaw diversi servizzi finanzjarji mill-bogħod. Proporzjon dejjem jikber ta' pagamenti fil-ħwienet issa huma diġitali u mingħajr kuntatt, u x-xiri online (kummerċ elettroniku) żdied b'mod sinifikanti. Is-soluzzjonijiet tal-FinTech għenu biex jitwessa' u jitħaffef l-aċċess għas-self, inkluż self appoġġat mill-gvern b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19. L-iżgurar ta' operat sikur u affidabbli tal-infrastrutturi diġitali sar ukoll aktar importanti, hekk kif aktar nies jaċċessaw is-servizzi finanzjarji online u l-impjegati tas-settur finanzjarju nfushom jaħdmu mill-bogħod.

Jekk kien għad hemm xi dubju, issa huwa ċar: il-finanzi diġitali għandhom ħafna x'joffru, u n-nies u n-negozji tal-Ewropa huma lesti għalihom.

L-Ewropa għandha tiegħu vantaġġ sħiħ minn dan fl-istrateġija ta' rkupru tagħha biex tgħin fit-tiswija tal-ħsara soċjali u ekonomika li għebet magħha l-pandemija¹. It-teknoloġiji diġitali se jkunu kruċjali għat-tnedija mill-ġdid u l-immodernizzar tal-ekonomija Ewropea fis-setturi kollha. Se tmexxi lill-Ewropa 'l quddiem bħala attur diġitali globali. Fl-istess ħin, l-utenti tas-servizzi finanzjarji jridu jiġu protetti kontra r-riskji li jirriżultaw minn dipendenza akbar fuq il-finanzi diġitali.

L-appoġġ għat-tranżizzjoni diġitali fl-UE huwa prijorità ewlenija għall-Kummissjoni, kif stabbilit aktar kmieni din is-sena² u aktar reċentement fil-kuntest tal-pjan ta' rkupru³. Is-settur finanzjarju tal-Ewropa jista' jibni fuq ħafna proġetti innovattivi madwar l-Istati Membri, u fuq ir-rwol ewlieni tiegħu f'oqsma bħat-teknoloġiji ta' pagament diġitali. It-tħaddin tal-finanzi diġitali se jikkontribwixxi għat-trasformazzjoni diġitali kumplessiva tal-ekonomija u tas-soċjetà tagħna. Dan iġib miegħu benefiċċji sinifikanti kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozji.

Fl-isfond tax-xejriet ewlenin fl-innovazzjoni diġitali (it-taqsima 2), din il-komunikazzjoni tistabbilixxi objettiv strateġiku għall-finanzi diġitali fl-Ewropa (it-taqsima 3), u erba' prijoritajiet u azzjonijiet relatati li biħsiebna nieħdu biex il-konsumaturi u n-negozji jkunu jistgħu jgawdu l-benefiċċji tal-finanzi diġitali filwaqt li jimmitigaw ukoll ir-riskji (it-taqsima 4). Din il-Komunikazzjoni tibni fuq il-Pjan ta' Azzjoni FinTech tal-2018,⁴ u l-ħidma tal-awtoritajiet superviżorji Ewropej (ASE). Ġiet infurmata wkoll permezz ta' tweġibiet għall-

¹Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni — Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss”, COM/2020/456 final, 27.05. 2020

² Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Insawru l-Futur Diġitali tal-Ewropa, COM(2020) 67 final, 19.02.2020.

³Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni — Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss, COM/2020/456 finali

⁴Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar il-Pjan ta' azzjoni FinTech, COM(2018) 109 final tat-08.03.2018

konsultazzjoni pubblika tagħna u l-avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni dwar il-finanzi diġitali li saru fl-ewwel nofs tal-2020⁵, ir-rapport tal-grupp dwar il-finanzi diġitali mill-Parlament Ewropew⁶, ir-rapport tal-grupp ta' esperti dwar l-ostakli regolatorji għall-innovazzjoni finanzjarja (ROFIEG)⁷, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Forum ta' Livell Għoli tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali⁸, u l-istrateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u digitali⁹.

Is-servizzi ta' pagament għandhom rwol ewlieni fost is-servizzi finanzjarji diġitali, peress li huma fuq quddiem nett tal-innovazzjoni u strumentali biex jappoġġaw l-ekonomija diġitali. Is-soluzzjonijiet ta' ħlas diġitali jippermettu lill-individwi u lill-kumpaniji biex jagħmlu tranżazzjonijiet b'mod sikur u effiċjenti. Dawn huma indispensabbli biex isiru ħlasijiet fil-ħwienet u fil-kummerċ elettroniku, jitħallsu l-kontijiet, jitħallsu lura s-self jew l-ipoteki, jiġu ttrasferiti l-flus, u jitħallsu s-salarji jew il-pensjonijiet. Bħala tali, dawn jeħtieġu miżuri ta' politika speċifiċi li huma żviluppanti fil-komunikazzjoni bit-titolu "Strateġija ta' Pagamenti bl-Imnut għall-UE", ippubblikata flimkien ma' din il-komunikazzjoni¹⁰.

2. Il-kuntest: xejriet tal-innovazzjoni diġitali

It-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija biddlet l-innovazzjoni u l-mudelli tan-negozju inkluż fis-servizzi finanzjarji.

L-innovazzjoni qed tieħu dejjem aktar forma diġitali, li tagħmilha aktar faċli għall-kumpaniji biex jikbru. Sa ċertu punt, l-innovazzjoni timplika prodotti, proċessi jew mudelli ta' negozju ġodda li jippermettu t-teknoloġiji diġitali. Mis-sempliċi funzjoni ta' appoġġ, is-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) flimkien ma' softwer xieraq saru pilastru ewlieni tal-attivitajiet tan-negozju għal ħafna kumpaniji. Dan għaliex id-diġitalizzazzjoni toffri opportunitajiet ġodda sostanzjali, peress li n-netwerks diġitali u s-servizzi tad-*data* ġeneralment jiffaċilitaw l-ekonomija ta' skala, u b'hekk jippermettu l-forniment ta' servizzi aktar kwalitattivi bi spiża aktar baxxa.

Iċ-ċikli tal-innovazzjoni qed jaċċelleraw, u qed isiru aktar miftuħa u kollaborattivi. It-teknoloġiji u l-applikazzjonijiet diġitali qed jinbnew dejjem aktar b'mod modulari, billi

⁵ https://ec.europa.eu/info/publications/digital-finance-outreach-2020_en

⁶ Rapport b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-Finanzi Diġitali: riskji emerġenti fil-kriptoassi — sfidi regolatorji u superviżorji fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, l-istituzzjonijiet u s-swieq" (2020/2034 (INL)), [https://oeil.secure.europarl.europa.eu/oeil/popups/ficheprocedure.do?reference=2020/2034\(INL\)&l=en](https://oeil.secure.europarl.europa.eu/oeil/popups/ficheprocedure.do?reference=2020/2034(INL)&l=en)

<https://oeil.secure.europarl.europa.eu/oeil/p>

⁷ Fit-13 ta' Diċembru 2019, il-Grupp ta' Esperti dwar l-Ostakli Regolatorji għall-Innovazzjoni Finanzjarja (ROFIEG), stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea f'Ġunju 2018, ippubblika r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar kif jista' jinħoloq qafas akkomodanti għall-forniment ta' servizzi finanzjarji ffaċilitati mit-teknoloġija.

https://ec.europa.eu/info/publications/191113-report-expert-group-regulatory-obstacles-financial-innovation_en

⁸ https://ec.europa.eu/info/publications/cmu-high-level-forum_en

⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali", COM(2020)203 10.03.2020 final, https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/communication-sme-strategy-march-2020_en.pdf

¹⁰ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, dwar l-istrateġija tal-ħlasijiet bl-imnut COM(2020)592

jikkomunikaw ma' xulxin permezz ta' interfaççi tal-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet (APIs). Dawn jagħmluha possibbli li s-servizzi jitfasslu b'mod aktar mill-qrib mad-domanda tal-klijent. Huma jipprovdu wkoll aktar opportunitajiet għal esperimentazzjoni u kollaborazzjoni bejn diversi atturi. Dan jista' jkollu għadd ta' konsegwenzi għall-mod kif jiġu pprovduti s-servizzi finanzjarji.

Id-data qed issir assi ewlieni għall-innovazzjoni flimkien mal-infrastruttura tal-IT. Id-data saret aktar importanti minn qatt qabel għas-servizzi finanzjarji. Id-disponibbiltà tad-data diġitali tippermetti tbassir aktar preçiż ta' avvenimenti futuri, u b'hekk tippermetti l-provvediment ta' servizzi personalizzati. L-analiżi ta' sett ta' data amalgamat tipprovdidi aktar għarfien mill-analiżi ta' kull sett ta' data separatament. Il-benefiççi ekonomiçi derivati minn sett ta' data speçifiku huma oġhla meta diversi partijiet ikollhom aċċess simultanju għalih. Barra minn hekk, l-użu ta' teknoloġiji assoçjati huwa meħtieġ biex jiġi massimizzat il-valur tad-data. L-infrastruttura tal-IT illum tinsab dejjem aktar fil-cloud, u toffri livell għoli ta' flessibbiltà operazzjonali u tiffaċilita l-aċċess għal teknoloġija avvanzata tal-ipproċessar tad-data. Dawn l-iżviluppi jqajmu wkoll kwistjonijiet ġodda importanti għall-protezzjoni tal-konsumaturi u l-użu responsabbli tad-data tagħhom.

Fl-istess ħin, l-innovazzjoni qed tibdel l-istrutturi tas-suq. L-Ewropa tospita ħafna negozji ġodda tal-Fintech li qed jirnexxu. Id-ditti stabbiliti qed jirrifurmaw b'mod fundamentali l-mudelli tan-negozju tagħhom, ħafna drabi f'kooperazzjoni mal-kumpaniji Fintech. Il-kumpaniji tat-teknoloġija kemm kbar ("BigTech") kif ukoll żgħar huma dejjem aktar attivi fis-servizzi finanzjarji. Dawn l-iżviluppi qed ibiddu n-natura tar-riskji għall-konsumaturi, l-utenti u l-istabbiltà finanzjarja u jista' jkollhom ukoll impatt sinifikanti fuq il-kompetizzjoni fis-servizzi finanzjarji.

3. L-objettiv strateġiku tagħna: Inħaddnu l-finanzi diġitali għall-ġid tal-konsumaturi u n-negozji

L-Ewropa u s-settur finanzjarju tagħha għandhom iħaddnu dawn ix-xejriet u l-opportunitajiet kollha offruti mir-rivoluzzjoni diġitali.

L-Ewropa trid tixpruna l-finanzi diġitali b'atturi tas-suq Ewropej b'saħħithom fuq quddiem nett.

L-għan tagħna huwa li l-benefiççi tal-finanzi diġitali jsiru disponibbli għall-konsumaturi u n-negozji Ewropej.

L-Ewropa għandha tippromwovi finanzjament diġitali bbażat fuq il-valuri Ewropej u regolamentazzjoni tajba tar-riskji.

Il-konsultazzjonijiet tagħna mal-partijiet ikkonċernati madwar l-Ewropa wrew appoġġ wiesa' u qawwi għal dan l-objettiv, għal diversi raġunijiet:

- It-tħaddin tal-finanzi diġitali jwassal għall-innovazzjoni u joħloq opportunitajiet biex jiġu **żviluppatti prodotti finanzjarji aħjar għall-konsumaturi** inkluż għal persuni li bħalissa m'għandhomx aċċess għas-servizzi finanzjarji. Dan **jiżblokka modi ġodda ta' kif il-finanzjament jiġi dirett lejn in-negozji tal-UE**, b'mod partikolari l-SMEs.

- Għalhekk, l-għoti ta' spinta lill-finanzi diġitali jappoġġa **l-istrateġija ta' rkupru ekonomiku tal-Ewropa u t-trasformazzjoni ekonomika usa'**. Dan jiftaħ kanali ġodda biex jimmobilizza l-finanzjament b'appoġġ għall-**Patt Ekoloġiku u l-Istrateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa**.
- Hekk kif il-finanzi diġitali jaqsmu l-fruntieri, għandhom ukoll **il-potenzjal li jtejbu l-integrazzjoni tas-suq finanzjarju fl-Unjoni Bankarja u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali**¹¹ u b'hekk isaħħu l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa.
- Fl-aħħar nett, settur finanzjarju diġitali Ewropew b'saħħtu u vibranti **jsaħħaħ il-kapaċità tal-Ewropa li żżomm u ssaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa tagħna fis-servizzi finanzjarji** u, b'estensjoni, il-kapaċità tagħna li nirregolaw u nissorveljaw is-sistema finanzjarja biex niproteġu l-istabbiltà finanzjarja tal-Ewropa u l-valuri tagħna.

Biex jinkiseb dan l-oġġettiv strateġiku, it-taqsimha li jmiss tippreżenta erba' prijoritajiet li se jiggwidaw l-azzjonijiet tagħna għall-bqija ta' dan il-mandat u sett ta' miżuri ta' akkumpanjament.

4. Erba' prijoritajiet għat-trasformazzjoni diġitali tas-settur finanzjarju tal-UE

Fid-dawl tax-xejriet u l-oġġettivi deskritti hawn fuq, u kif appoġġati mill-maġġoranza vasta ta' daww li pparteċipaw fil-konsultazzjoni pubblika li tinfed din l-istrateġija,¹² erba' prijoritajiet se jiggwidaw l-azzjonijiet tal-UE biex tippromwovi t-trasformazzjoni diġitali sal-2024.

L-ewwel prijorità hija li tiġi indirizzata l-frammentazzjoni fis-Suq Uniku Diġitali għas-servizzi finanzjarji, biex b'hekk il-konsumaturi Ewropej ikunu jistgħu jaċċessaw servizzi transfruntiera u jgħinu lill-kumpaniji finanzjarji Ewropej jespandu l-operazzjonijiet diġitali tagħhom [4.1]. Ħafna kumpaniji kkonfermaw li l-espansjoni transfruntiera hija essenzjali għalihom, minħabba li s-servizzi online huma għaljin biex jiġu żviluppati iżda rħas biex jiġu riprodotti u spiss jeħtieġu skjerament fuq skala konsiderevoli. Suq potenzjali akbar bejn il-fruntieri jagħmilha aktar faċli biex jinġabru l-fondi meħtieġa biex jiġu żviluppati servizzi bħal dawn. Dan jagħti lill-konsumaturi aċċess ġenwin għal servizzi transkonfinali. Ditti li jiksibu skala jistgħu wkoll ikunu kapaċi jipprovdu servizzi bħal dawn bi prezz aktar baxx u bi kwalità oġhla.

It-tieni prijorità hija li jiġi żgurat li l-qafas regolatorju tal-UE jiffaċilita l-innovazzjoni diġitali fl-interess tal-konsumaturi u l-effiċjenza tas-suq [4.2]. L-innovazzjonijiet ibbażati fuq jew li jagħmlu użu minn teknoloġija tar-reġistru distribwit (DLT) jew intelliġenja artifiċjali (IA) għandhom il-potenzjal li jtejbu s-servizzi finanzjarji għall-konsumaturi u n-negozji. Il-qafas regolatorju għas-servizzi finanzjarji għandu jiżgura li dawn jintużaw b'mod responsabbli, f'konformità mal-valuri tal-UE. B'mod aktar ġenerali, ċikli ta' innovazzjoni

¹¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Unjoni tas-Swieq Kapitali għaċ-ċittadini u għan-negozji - pjan ta' azzjoni ġdid, COM(2020)590

¹² https://ec.europa.eu/info/consultations/finance-2020-digital-finance-strategy_en

aktar veloċi, aktar miftuħa u kollaborattivi jitolbu eżami u aġġustamenti regolari tal-leġislazzjoni tal-UE dwar is-servizzi finanzjarji u l-prattiki superviżorji, biex jiġi żgurat li dawn jappoġġaw l-innovazzjoni diġitali u jibqgħu xierqa u rilevanti f'ambjenti tas-suq li qed jevolvu.

It-tielet prijorità hija li jinħoloq spazju Ewropew ta' data finanzjarja għall-promozzjoni tal-innovazzjoni mmexxija mid-data, li jibni fuq l-istrateġija Ewropea għad-data, inkluż aċċess imtejjeb għad-data u l-kondiviżjoni tad-data fi ħdan is-settur finanzjarju (4.3)¹³. L-UE żgurat li l-kumpaniji inklużi d-ditti finanzjarji jipubblikaw informazzjoni komprensiva finanzjarja u mhux finanzjarja dwar l-operazzjonijiet u l-prodotti tagħhom. Hija mexxiet ukoll it-triq biex tinfetaħ il-kondiviżjoni tad-data dwar il-kontijiet tal-pagamenti bħala parti mid-Direttiva riveduta dwar is-Servizzi ta' Pagament. Passi ulterjuri lejn aktar kondiviżjoni tad-data u ftuħ fis-setturi kollha u fi ħdanhom, f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data u l-kompetizzjoni, se jippermettu lis-settur finanzjarju jħaddan bis-sħiħ l-innovazzjoni xprunata mid-data. Dan ser jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' prodotti innovattivi għall-konsumaturi u n-negozji, u ser jappoġġa objettivi ta' politika usa', bħall-ħolqien ta' suq uniku għad-data. Dan se jikkontribwixxi wkoll biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għad-data meħtieġ biex il-finanzjament jiġi dirett b'appoġġ għal investimenti sostenibbli.

Ir-raba' prijorità hija li jiġu indirizzati sfidi u riskji ġodda assoċjati mat-trasformazzjoni diġitali (4.4). Is-servizzi finanzjarji jemigraw lejn ambjenti diġitali b'ekosistemi frammentati, li jinkludu fornituri ta' servizzi diġitali interkonnessi li jaqgħu parzjalment barra r-regolamentazzjoni u s-superviżjoni finanzjarja. Għalhekk, il-finanzi diġitali jistgħu jaqgħu aktar diffiċli għall-oqfsa regolatorji u superviżorji eżistenti biex jissalvagwardjaw l-istabbiltà finanzjarja, il-protezzjoni tal-konsumatur, l-integrità tas-suq, u l-kompetizzjoni ġusta u s-sigurtà. Sabiex jiġi żgurat li l-finanzi diġitali jippermettu prodotti finanzjarji aħjar għall-konsumaturi u n-negozji, dawn ir-riskji jridu jiġu indirizzati. Għalhekk, il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni partikolari lill-prinċipju **"l-istess attività, l-istess riskju. l-istess regoli"**, mhux l-inqas biex jiġu salvagwardjati l-kundizzjonijiet ekwi bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji eżistenti u l-parteċipanti ġodda fis-suq.

F'dawn l-erba' prijoritajiet, il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni partikolari biex **tippromwovi l-opportunitajiet ġodda li l-finanzi diġitali joffru lill-konsumaturi u biex tipproteġi lill-konsumaturi kull fejn ikun xieraq**. Dan se jkun notevolment f'konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data¹⁴ (GDPR).

Il-Kummissjoni tibqa' impenjata wkoll li tkompli taħdem mill-qrib mas-sħab internazzjonali tagħna, peress li l-benefiċċji tal-finanzi diġitali jiġu sfruttati bl-aħjar mod jekk l-iskjerament tagħhom ikun ibbażat fuq prinċipji u standards internazzjonali.

¹³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Strateġija għad-Data Ewropea, COM(2020) 66 final, 19.02.2020

¹⁴ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data)

4.1.It-tneħħija tal-frammentazzjoni fis-Suq Uniku Diġitali

L-istrateġija finanzjarja diġitali hija mfassla biex tibni fuq l-opportunitajiet offruti mis-Suq Uniku, biex toffri lill-konsumaturi u lid-ditti l-benefiċċji tas-servizzi finanzjarji diġitali. Suq Uniku li jiffunzjona tajjeb għas-servizzi finanzjarji diġitali se jgħin biex jitjieb l-aċċess għas-servizzi finanzjarji għall-konsumaturi u l-investituri fil-livell tal-konsumatur fl-UE permezz ta' servizzi bankarji, ta' investiment u ta' assigurazzjoni aktar innovattivi, diversifikati u inklużivi.

- *L-iffaċilitar tal-użu interoperabbli fl-UE kollha tal-identitajiet diġitali*

Sal-2024, l-UE għandha timplimenta qafas legali sod li jippermetti l-użu ta' soluzzjonijiet interoperabbli tal-identità diġitali li jippermettu lil klijenti ġodda jaċċessaw is-servizzi finanzjarji malajr u faċilment (“meta jitilgħu abbord”). Dan il-qafas għandu jkun ibbażat fuq regoli aktar armonizzati kontra l-ħasil tal-flus (AML) u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu (CTF) u qafas rivedut għall-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi (ir-Regolament e-IDAS)¹⁵. Dan għandu jippermetti li d-data tal-klijenti terġa' tintuża soġġett għal kunsens infurmat mill-klijent, li huwa bbażat fuq trasparenza sħiħa dwar il-konsegwenzi u l-implikazzjonijiet ta' tali użu mill-ġdid.

Il-lockdown reċenti enfasizza kemm is-servizzi finanzjarji diġitali li jiffunzjonaw mingħajr xkiel huma essenzjali għall-konsumaturi u n-negozji li jinteraġixxu mill-bogħod. Madankollu, jeħtieġ li jsir ħafna aktar qabel ma s-servizzi finanzjarji mill-bogħod jaħdmu b'mod effettiv u bla xkiel. Dawn jeħtieġ li jaħdmu kemm f'ambjenti domestiċi kif ukoll f'dawk transfruntiera, f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti tal-AML/CTF u bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-konformità ma' rekwiżiti regolatorji oħra ta' on-boarding, pereżempju biex tiġi vvalutata l-adeqwatezza ta' klijent għal ċerti prodotti ta' investiment. Il-Kummissjoni se tiffaċilita l-użu remot sikur ta' klijenti madwar l-UE minn fornituri ta' servizzi finanzjarji fi tliet passi.

L-ewwel nett, illum il-Kummissjoni qed tistieden lill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) biex tiżviluppa linji gwida f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej l-oħra sat-tielet trimestru tal-2021. Dawn għandhom l-għan li jiżguraw konverġenza akbar dwar l-elementi relatati mal-identifikazzjoni u l-verifika meħtieġa għal skopijiet ta' on-boarding, u dwar il-mod u l-punt sa fejn il-fornituri ta' servizzi finanzjarji jitħallew jiddependu fuq il-proċessi ta' diliġenza dovuta tal-klijent (CDD) imwettqa minn partijiet terzi, inklużi fornituri ta' servizzi finanzjarji oħra. B'mod parallel, il-Kummissjoni se tikkollabora mal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB) biex tiċċara l-aspetti kollha tal-protezzjoni tad-data fil-kuntest tal-użu mill-ġdid ta' informazzjoni ta' “on-boarding” għal skopijiet oħra (eż. “on-boarding” ma' fornitur ieħor, aċċess għal servizzi oħra mhux bankarji).

It-tieni, bħala parti mill-proposti leġiżlattivi li ġejjin għal qafas ġdid tal-AML/CTF, il-Kummissjoni se tkompli tiddefinixxi u tarmonizza r-rekwiżiti tas-CDD biex tiffaċilita l-użu

¹⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE, ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73 — 114.

ta' teknoloġiji innovattivi u tippermetti operazzjoni transfruntiera bla xkiel, mingħajr il-ħtieġa li jiġu applikati proċessi differenti jew li jkun hemm konformità ma' rekwiżiti addizzjonali f'kull Stat Membru. Dan se jagħmilha aktar faċli biex jiġu identifikati l-klijenti u jiġu vverifikati l-kredenzjali tagħhom, filwaqt li tiġi żgurata konformità sħiħa mal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju tal-AML/CTF. Pereżempju, dan jista' jsir billi jiġi ddikjarat liema dokumenti tal-identità huma meħtieġa biex tiġi stabbilita l-identità ta' persuna, u billi jiġi ċċarat liema teknoloġiji jistgħu jintużaw biex l-ID tiġi ċċekkjata mill-bogħod. Ir-rieżami tal-Kummissjoni tar-regoli AML/CTF se jkollha l-għan ukoll li tipproponi:

- titjib u kjariifika tal-aċċess għad-*data* biex titjeb il-kapaċità tal-fornituri ta' servizzi finanzjarji li jawtentikaw l-identità tal-klijent;
- tispeċifika aktar, permezz ta' standards tekniċi, aspetti relatati ma' elementi dettaljati ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni għall-finijiet ta' on-boarding; kif ukoll
- l-iżvilupp ulterjuri, permezz ta' standards tekniċi, ta' dipendenza fuq partijiet terzi biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' CDD, inklużi kwistjonijiet assoċjati mar-responsabbiltà, it-trasparenza u l-użu etiku.

Dawn l-istandards tekniċi jibnu fuq il-linji gwida tal-EBA msemmija fl-ewwel punt.

Fl-aħħar nett, bħala parti mir-rieżami ppjanat tar-Regolament e-IDAS, il-Kummissjoni qed tikkunsidra li ttejjeb l-effettività tiegħu, testendi l-applikazzjoni tiegħu għas-settur privat u tippromwovi identitajiet diġitali fdati għall-Ewropej kollha. Ir-reviżjoni tar-Regolament se ttipprovdi qafas regolatorju li jibqa' validu fil-futur li jappoġġa sistema madwar l-UE kollha, sempliċi, affidabbli u sigura għall-ġestjoni tal-identitajiet fl-ispazju diġitali.

Filwaqt li tibni fuq dawn il-miżuri u fil-kuntest tal-ħidma tagħha dwar finanzi miftuħa (ara t-taqsimha 4.3), il-Kummissjoni biħsiebha tippermetti l-integrazzjoni ta' elementi ulterjuri sabiex l-identitajiet diġitali jkunu jistgħu jintużaw, pereżempju, għal "on-boarding" ma' istituzzjoni finanzjarja oħra. Dan jista' pereżempju jinkludi elementi marbuta mal-adeqgatezza tal-investituri jew mal-profil tal-kreditu tal-klijent.

- *L-iffaċilitar tal-iskalar tas-servizzi finanzjarji diġitali għas-Suq Uniku kollu*

Sal-2024, il-prinċipju ta' passaportar u ta' liċenzjar f'punt uniku ta' servizz jenħtieġ li japplika fl-oqsma kollha li għandhom potenzjal qawwi għal finanzjament diġitali. Id-ditti għandhom ikunu jistgħu jiddependu fuq kooperazzjoni mill-qrib bejn il-faċilitaturi superviżorji nazzjonali tal-innovazzjoni fi ħdan il-Forum Ewropew tal-Faċilitaturi tal-Innovazzjoni (EFIF), u pjattaforma ġdida ta' finanzjament diġitali tal-UE.

Prinċipju li ilu jeżisti fis-suq uniku huwa li l-konsumaturi u n-negozji għandu jkollhom aċċess ġenwin għal servizzi transfruntiera pprovduti minn ditti stabbiliti u ssorveljati fi Stat Membru ieħor f'konformità mar-regoli maqbula b'mod komuni ("passaportar"). Kwalunkwe ostaklu li jifdal għall-forniment transfruntier ta' tali servizzi jenħtieġ li jkun partikolarment baxx għas-servizzi diġitali. Madankollu, kif enfasizzat minn ħafna minn dawk li wiegħbu għall-konsultazzjoni pubblika, id-ditti tat-teknoloġija finanzjarja tal-UE spiss jistgħu jipprovdu biss servizzi f'pajjiżhom stess jew jillimitaw l-aċċess għall-pjattaformi diġitali tagħhom lil klijenti li jinsabu f'lista limitata ta' ġurisdizzjonijiet tal-UE. Ir-raġunijiet ewlenin għal dan huma li l-qafas regolatorju jvarja minn pajjiż għal ieħor, u dan jinvolvi spejjeż ta' konformità sproporzjonati għall-operaturi attivi f'diversi pajjiżi.

Il-Kummissjoni qed temenda l-qafas regolatorju biex tintroduċi l-possibilita ta' passaportar f'oqsma ewlenin rilevanti għall-finanzi diġitali. Ir-Regolament dwar il-Finanzjament Kollettiv, maqbul mill-koleġiżlaturi f'Diċembru 2019 se jintroduċi regoli komuni u passaportar għal diversi tipi ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv, inkluża l-intermedjazzjoni kreditizja, u l-proposti tal-lum tal-Kummissjoni dwar il-kriptoassi se jipponu regoli komuni u passaportar għall-emittenti u l-fornituri tas-servizzi tal-kriptoassi. Il-Kummissjoni se tikkunsidra wkoll ir-rilevanza tal-passaportar f'oqsma oħra, pereżempju fil-kuntest tal-eżami tar-regolamentazzjoni prudenzjali tas-self mhux bankarju, b'attenzjoni xierqa għar-regoli tal-protezzjoni tal-konsumatur (ara t-taqsim 4.4 hawn taħt). Se teżamina wkoll modi possibbli biex tippermetti ċ-ċertifikazzjoni ta' soluzzjonijiet tekniċi mfassla biex jgħinu lid-ditti jissodisfaw l-obbligi ta' konformità regolatorja tagħhom ("RegTech"¹⁶), u tappoġġja approċċi komuni f'dak il-qasam, inkluża l-interoperabbiltà. Fl-istess ħin, l-applikazzjoni Prattika tal-passaportar teħtieġ kooperazzjoni mill-qrib bejn is-superviżuri tad-domiċilju u dawk ospitanti biex jiġi żgurat li r-regoli miftiehma b'mod komuni jiġu infurzati u applikati b'mod konsistenti. Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) biex ikomplu u jintensifikaw il-ħidma tagħhom biex jipromwovu l-kooperazzjoni u l-konverġenza superviżorja.

Barra minn hekk, l-istrateġija għall-pagamenti bl-imnut tistabilixxi kif il-Kummissjoni biħsiebha tindirizza għadd ta' kwistjonijiet regolatorji speċifiċi fil-qasam tal-pagamenti, bħal prattiki eżistenti fejn in-numri tal-kontijiet IBAN barranin jiġu rrifjutati ("diskriminazzjoni IBAN").

It-tweġibiet għall-konsultazzjoni juru wkoll li l-partijiet ikkonċernati għadhom jagħtu importanza kbira lill-ħidma tal-faċilitaturi superviżorji tal-innovazzjoni, bħal ċentri tal-innovazzjoni u sandboxes regolatorji, anke f'kuntest transfruntier. Il-Kummissjoni se taħdem mal-ASE biex issaħħaħ in-netwerk tal-innovazzjoni pprovdut mill-Forum Ewropew tal-Faċilitatur tal-Innovazzjoni (EFIF)¹⁷. Se tipromwovi wkoll il-faċilitaturi nazzjonali tal-innovazzjoni, eż. permezz tal-programm ta' appoġġ għar-riforma strutturali¹⁸. B'mod partikolari, il-Kummissjoni se taħdem mal-EFIF biex tiżgura li sa nofs l-2021 toffri qafas proċedurali għat-tnedija ta' ttestjar transfruntier u mekkaniżmi oħra li jiffaċilitaw l-interazzjoni tad-ditti mas-superviżuri minn Stati Membri differenti.

Biex tħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati privati u pubbliċi, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-EFIF, se tistabilixxi pjattaforma ġdida ta' finanzjament diġitali tal-UE. Il-pjattaforma l-ġdida se sservi bħala mezz ta' interazzjoni online u fuq bażi kontinwa ma' din l-ekosistema finanzjarja diġitali ġdida li tibni fuq ir-rispons pożittiv li jasal wara s-sensibilizzazzjoni dwar il-finanzjament diġitali. Se toffri wkoll interfaċċja lill-EFIF u lill-faċilitaturi nazzjonali tal-innovazzjoni u l-proċeduri nazzjonali ta' liċenzjar elettroniku. Għall-ġejjieni, tista' tiġi żviluppata fi pjattaforma usa' għall-kooperazzjoni u spazju tad-*data*

¹⁶ RegTech: It-Teknoloġija Regolatorja hija subsett ta' FinTech li tiffoka fuq teknoloġiji li jistgħu jiffaċilitaw it-twassel tar-rekwiżiti regolatorji b'mod aktar effiċjenti u effettiv mill-kapaċitajiet eżistenti

¹⁷ L-EFIF ġie stabbilit b'segwitu għar-rapport konġunt tal-ESA ta' Jannar 2019 dwar sandboxes regolatorji u ċentri ta' innovazzjoni li identifika ħtieġa għal azzjoni biex jiġu promossi koordinazzjoni u kooperazzjoni akbar bejn il-faċilitaturi tal-innovazzjoni biex jiġi appoġġat it-tkabbir tal-FinTech fis-suq uniku kollu.

¹⁸ Il-programm ta' appoġġ għal riformi strutturali (SRSP) huwa programm tal-UE li jipprovdi appoġġ imfassal apposta għall-pajjiżi kollha tal-UE għar-riformi istituzzjonali, amministrattivi u li jsaħħu t-tkabbir tagħhom

li jista' jintuża mill-industrija jew mill-awtoritajiet superviżorji biex tittestja l-innovazzjoni. Il-pjattaforma se tkun imfassla biex tkun eliġibbli għal finanzjament potenzjali mill-programm Ewropa diġitali li se jappoġġa l-introduzzjoni ta' pjattaformi ta' kollaborazzjoni għall-mainstreaming tat-teknoloġiji diġitali.

Is-superviżjoni tal-finanzi diġitali teħtieġ kooperazzjoni msaħħa bejn diversi awtoritajiet. Għalhekk, l-EFIF se tinvolvi rappreżentanti minn, pereżempju, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB), is-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-infurzar tal-kompetizzjoni, u l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti lil hinn mis-settur finanzjarju. Huma ser jattendu l-laqgħat tal-EFIF bħala osservaturi, biex jiddiskutu l-isfidi mqajma minn mudelli ta' negozju innovattivi li jikkombinaw servizzi finanzjarji u mhux finanzjarji.

Is-superviżjoni tal-finanzi diġitali teħtieġ ħiliet ġodda sinifikanti. Il-Kummissjoni se tkompli tgħin biex ittejjeb il-ħiliet tekniċi tas-superviżuri, inkluż permezz tal-Laboratorju tal-Fintech tal-UE¹⁹. Il-Kummissjoni tinsab lesta wkoll li tfassal programmi ta' assistenza mmirati mal-awtoritajiet nazzjonali. Dan jista' jsir pereżempju permezz tal-programm ta' appoġġ għal riformi strutturali²⁰.

Azzjonijiet ewlenin

Fl-2021, bħala parti minn inizjattiva usa' dwar l-AML/CFT, il-Kummissjoni se tipproponi li tarmonizza r-regoli dwar l-onboarding tal-klijenti u se tibni fuq ir-rieżami li jmiss tal-e-IDAS **biex timplimenta qafas transfruntier interoperabbli għall-identitajiet diġitali.**

Il-Kummissjoni se tesplora l-ħtieġa li tintroduċi reġimi **armonizzati addizzjonali ta' liċenzjar u ta' passaportar, taħdem mal-ASE biex issaħħaħ l-EFIF**, u tistabbilixxi **pjattaforma ta' finazi diġitali tal-UE** biex trawwem il-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati privati u pubbliċi.

4.2. L-adattament tal-qafas regolatorju tal-UE biex tiġi ffaċilitata l-innovazzjoni diġitali

L-għan tal-istrateġija ta' finanzjament diġitali huwa li jiġi żgurat li l-qafas regolatorju tal-UE għas-servizzi finanzjarji jkun adattat għall-era diġitali. Dan jinkludi li jiġi permess l-użu ta' teknoloġiji innovattivi u li l-qafas isir kompatibbli mal-aħjar Prattika prevalenti fil-produzzjoni u l-użu tas-softwer. Ħafna minn dawk li wieġbu għall-konsultazzjoni pubblika kienu tal-fehma li r-regoli tal-UE għandhom ikunu aktar newtrali fir-rigward tat-teknoloġija u favur l-innovazzjoni, u għandhom ikunu jistgħu jaġġustaw għall-innovazzjonijiet aktar malajr, filwaqt li jkomplu jirrispettaw ir-regoli kollha li jiżguraw il-funzjonament sikur tagħhom u l-protezzjoni tal-utenti.

- *Ngħinu s-swieq tal-UE fi kriptoassi u strumenti finanzjarji tokenizzati*

¹⁹ Il-Laboratorju tal-FinTech tal-UE ġie stabbilit skont il-pjan ta' azzjoni tal-FinTech tal-2018 u jiġbor il-fornituri tas-servizzi, l-istituzzjonijiet finanzjarji u s-superviżuri biex jiddjalogaw fil-fond f'teknoloġiji jew applikazzjonijiet speċifiċi.

²⁰ Il-programm ta' appoġġ għal riformi strutturali (SRSP) huwa programm tal-UE li jipprovdi appoġġ imfassal apposta għall-pajjiżi kollha tal-UE għar-riformi istituzzjonali, amministrattivi u li jsaħħu t-tkabbir tagħhom

Sal-2024, l-UE għandha tistabbilixxi qafas komprensiv li jippermetti l-użu ta' teknoloġija tar-reġistru distribwit (DLT) u kryptoassi fis-settur finanzjarju. Għandha tindirizza wkoll ir-riskji assoċjati ma' dawn it-teknoloġiji.

Il-kriptoassi u l-blockchains assoċjati tagħhom jistgħu jgħibu magħhom opportunitajiet sinifikanti fil-finanzi: pagamenti potenzjalment irħas u rapidi, speċjalment għal tranżazzjonijiet transfruntiera u internazzjonali, possibbiltajiet ġodda ta' finanzjament għall-SMEs u swieq kapitali aktar effiċjenti. It-tokens tal-utilitajiet jistgħu jservu bħala faċilitaturi tan-netwerks blockchain deċentralizzati u l-istablecoins jistgħu jirfdu l-pagamenti bejn magna u oħra fis-setturi tal-mobbiltà, l-enerġija u l-manifattura. Madankollu, dawn jinvolvu wkoll riskji, u għalhekk għandhom ikunu regolati u sorveljati kif xieraq.

Illum il-Kummissjoni qed tippreżenta proposta legiżlattiva²¹ biex takkumpanja din l-istrateġija. Il-proposta tiċċara l-applikazzjoni tar-regoli eżistenti tal-UE għall-kriptoassi, tintroduċi reġim pilota għall-kriptoassi koperti minn dawn ir-regoli u tistabbilixxi qafas legali ġdid tal-UE għall-kriptoassi li mhumiex koperti minn dawn ir-regoli, abbażi ta' tassonomija ta' definizzjonijiet ta' tipi differenti ta' kriptoassi. Dan tal-aħħar jinkludi tokens ta' utilità u regoli ddedikati biex jirregolaw ir-riskji partikolari għall-istabbiltà finanzjarja u s-sovranità monetarja marbuta mat-tokens referenzjati mal-assi (magħrufa wkoll bħala “stablecoins”) użati għal skopijiet ta' pagament. Gwida interpretattiva addizzjonali dwar l-applikazzjoni tar-regoli eżistenti se ttejjeb iċ-ċarezza regolatorja, li tippermetti lis-settur finanzjarju jikseb gwadann fl-effiċjenza permezz ta' użu usa' tat-teknoloġija tar-reġistru distribwit (DLT) fis-swieq kapitali, filwaqt li tkompli tirrispetta r-regoli tas-sikurezza u s-sigurtà u żżomm livell għoli ta' protezzjoni tal-utent.

Fl-istess ħin, fid-dawl tal-ħidma li għaddejjja mwettqa mill-Kumitat ta' Basel, il-Kummissjoni se tikkunsidra li taġġorna r-regoli prudenzjali għall-kriptoassi miżmuma mid-ditti finanzjarji. Il-Kummissjoni se tesplora wkoll kif tista' tingrana t-Teknoloġija tar-Reġistru Distribwit biex ittejjeb l-operazzjonijiet ta' għbir tal-kapital tal-SMEs.

It-teknoloġiji diġitali għandhom ukoll potenzjal għall-banek ċentrali biex jiżviluppaw muniti diġitali tal-banek ċentrali bħala alternattiva diġitali għall-flus kontanti u katalisti għal innovazzjoni kontinwa fil-pagamenti, il-finanzjamenti u l-kummerċ. Kif spjegat fl-istrateġija dwar il-pagamenti bl-imnut, il-Kummissjoni tappoġġa x-xogħol tal-banek ċentrali, u b'mod partikolari, tal-BĊE, biex tikkunsidra l-ħruġ ta' munita diġitali tal-banek ċentrali għall-konsumatur (CBDC) disponibbli għall-pubbliku ġenerali, filwaqt li tissalvagwardja l-munita legali tal-euro.

Fl-aħħar nett, biex tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' u l-investiment f'DLT b'emissjonijiet baxxi jew żero u l-Internet tal-Oġġetti, il-Kummissjoni, b'ħidma mal-pjattaforma dwar il-finanzi sostenibbli, se timmira li tintegra dawn is-setturi sal-2021 fit-tassonomija tal-finanzi sostenibbli.

- *Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni u l-użu tal-infrastruttura tal-cloud computing*

²¹Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Swieq fil-Kriptoassi u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937, COM (2020) 593 u proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Reġim Pilota għall-infrastrutturi tas-suq ibbażati fuq it-teknoloġija tar-reġistru distribwit - COM(2020)594

Il-cloud computing jagħmilha ferm aktar faċli biex jiżdied b'mod rapidu u flessibbli u biex issir bidla għal arkitettura tal-IT modulari li tippromwovi l-kooperazzjoni u li tkun adatta bl-aħjar mod ma' applikazzjonijiet diġitali nattiv. Biex tiffaċilita dan u tiżgura li l-banek u s-servizzi finanzjarji tal-UE jkunu jistgħu jaħsdu l-benefiċċji offruti mill-użu tas-servizzi cloud f'ambjent sikur ħafna li jħares lejn il-klijent, il-Kummissjoni llum qed tippromwovi qafas ta' sorveljanza għal fornituri kritiċi tal-ICT minn partijiet terzi għas-settur finanzjarju²², bħall-fornituri tas-servizzi tal-cloud. Fil-kuntest ta' suq ikkonċentrat ħafna, fl-istrateġija tad-*data* tal-UE, il-Kummissjoni ppropriet li tniedi suq Ewropew tas-servizzi tal-cloud, li jintegra s-sett sħiħ ta' servizzi cloud offruti sa tmiem l-2022. Dan is-suq se jiffaċilita l-aċċess għal fornituri alternattivi tas-servizzi tal-cloud, inkluż fis-settur finanzjarju.

Il-Kummissjoni se tappoġġa wkoll il-kooperazzjoni permezz ta' bidla ulterjuri lejn regolamentazzjoni bbażata fuq l-attività (ara t-taqsim 4.4 hawn taħt). Miżuri oħra ta' politika tal-cloud li se jkollhom l-għan li jżidu l-kompetizzjoni u l-fluwidità tas-suq, filwaqt li jibnu fuq il-kodiċijiet ta' kondotta awtoregulatorji diġà disponibbli żviluppanti mill-industrija fir-rigward tal-bdil tal-fornituri tas-servizzi tal-cloud u t-trasferiment tad-*data* huma mistennija li jrawmu l-adozzjoni tal-cloud fis-settur finanzjarju. Il-Kummissjoni talbet lill-aġenzija ta' ċibersigurtà tal-UE (ENISA) biex tiżviluppa skema ta' ċertifikazzjoni ta' ċibersigurtà għas-servizzi cloud f'konformità mal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà, li se jappoġġa l-fiduċja fl-użu tal-cloud mis-servizzi finanzjarji u r-regolaturi. Azzjoni ulterjuri tista' tinkludi miżuri dwar kif tiġi ffaċilitata l-migrazzjoni lejn arkitettura tal-IT modulari u biex tkun tista' ssir kollaborazzjoni ma' atturi oħra. Relazzjonijiet bħal dawn jistgħu jitravmu wkoll bħala parti mill-pjattaforma ta' Finanzjament Diġitali tal-UE (ara t-taqsim 4.1 hawn fuq), li tlaqqa' flimkien operaturi stabbiliti u parteċipanti ġodda fis-suq.

- *Il-promozzjoni tal-investimenti fis-sofwer billi jiġu adattati r-regoli prudenzjali dwar l-assi intanġibbli*

It-trasformazzjoni diġitali teħtieġ investimenti sinifikanti fis-sofwer mill-industrija finanzjarja. Bħalissa, t-trattament prudenzjali tal-investimenti fis-sofwer ivarja bejn il-ġurisdizzjonijiet, u l-banek Ewropej jiffaċċjaw rekwiżiti kapitali aktar stretti minn banek f'ġurisdizzjonijiet oħra. Sabiex tiffaċilita t-tranżizzjoni lejn settur bankarju aktar diġitalizzat, il-Kummissjoni dalwaqt se tadotta standards tekniċi regulatorji li bħalissa qed jiġu żviluppanti mill-ABE.

- *Il-promozzjoni tal-użu ta' għodod tal-intelliġenza artifiċjali*

Sal-2024, il-Kummissjoni, flimkien mal-ASE, għandha l-għan li tiżgura ċarezza fir-rigward tal-aspettattivi superviżorji dwar kif il-qafas leġislattiv dwar is-servizzi finanzjarji għandu japplika għall-applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali (IA).

Il-wegħda essenzjali tal-aħħar għodod tal-IA hija li jagħmlu t-tbassir aktar aċċessibbli. Dan għandu jgħin lill-kumpaniji jiffrankaw mill-ispejjeż. Barra minn hekk, hekk kif it-teknoloġija

²²Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 909/2014 — COM (2020) 595

tat-tbassir issir aktar preċiża u affidabbli maż-żmien, din tista' twassal għal mudelli ta' negozju aktar produttivi u modi ġodda ta' kompetizzjoni. Min-naħa tal-konsumatur, l-użu tal-applikazzjonijiet tal-IA jista' jagħmilha possibbli għad-ditti li jipprovdu servizzi aħjar u aktar imfassla apposta bi spiża aktar baxxa. F'xi każijiet, dan jista' jippermetti wkoll lill-persuni li qabel kienu esklużi mis-servizzi finanzjarji biex jaċċessawhom.

Kif stabbilit fil-White Paper dwar l-intelliġenza artifiċjali, il-Kummissjoni se tippromwovi l-użu tal-IA billi tipproponi investimenti sinifikanti fil-livell tal-UE u tressaq qafas regolatorju tal-IA ġdid li jirrifletti l-valuri Ewropej tagħna.

Il-maġġoranza l-kbira tal-parteċipanti fil-konsultazzjoni pubblika ħassew li s-settur finanzjarju tal-UE kellu bżonn gwida fil-livell tal-UE dwar l-użu tal-applikazzjonijiet tal-IA fil-finanzi u t-trattament regolatorju tagħhom. L-industrija finanzjarja rreferiet għan-nuqqas ta' ċarezza legali dwar l-impatt tar-regoli tal-UE f'dan il-kontest. Il-klijenti semmew in-nuqqas ta' fehim u trasparenza dwar kif jinkiseb eżitu partikolari, il-biża' ta' preġudizzji u t-tfassil ta' profili abbużivi, kif ukoll id-diffikultajiet biex jiġu kkontestati l-eżiti bbażati fuq l-IA. L-awtoritajiet superviżorji rreferew għan-nuqqas ta' għarfien espert u ċarezza dwar kif jeħtieġ li jiġu applikati regoli speċifiċi tal-UE (eż. fir-rigward tal-ispjegabbiltà tal-mudelli tal-IA).

B'risultat ta' dan, il-Kummissjoni se tistieden lill-ASE u lill-BĊE biex jesploraw il-possibbiltà li jiżviluppaw gwida regolatorja u superviżorja dwar l-użu tal-applikazzjonijiet tal-IA fil-finanzi. Din il-gwida għandha ssegwi l-proposta li jmiss għal qafas regolatorju ġdid għall-IA ppjanata fl-2021. L-awtoritajiet superviżorji Ewropej se jiddependu wkoll fuq il-ħidma li bdew dan l-aħħar f'dan il-qasam, inkluż pariri mill-Grupp ta' Esperti dwar l-Etika Diġitali stabbilit mill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol. L-awtoritajiet superviżorji Ewropej għandu jkollhom l-għan li jiżguraw ċarezza dwar l-aspettattivi superviżorji u l-mitigazzjoni tar-riskji, sabiex is-soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA jkunu jistgħu jiġu applikati fis-settur finanzjarju tal-UE b'mod sikur, sod u etiku. Fir-rigward tal-isfidi aktar ġenerali relatati mal-użu tal-għodod tal-IA f'konformità mal-GDPR²³, jew ir-riskji ta' mġiba kollużiva permezz ta' għodod tal-IA li jaġġustaw il-prezzijiet, dawn se jikkontribwixxu għall-proċess ta' segwitu għall-White Paper tal-Kummissjoni dwar l-IA.

- *L-iżgurar ta' qafas leġiżlattivi validi għall-futur fuq bażi kontinwa*

Il-Kummissjoni għandha l-għan li tiżgura permezz ta' reviżjonijiet leġiżlattivi regolari u gwida interpretattiva li l-qafas regolatorju tal-UE għas-servizzi finanzjarji la jippreskrivi u lanqas jipprevjeni l-użu ta' teknoloġiji partikolari filwaqt li tiżgura wkoll li l-objettivi regolatorji jkomplu jintlaħqu.

L-inċertezza regolatorja xxekkel l-innovazzjoni fil-finanzi, u tista' wkoll tagħmel ħsara lill-konsumaturi jew lill-investituri. Minbarra l-kwistjonijiet ewlenin imqajma f'din l-istrateġija, il-Kummissjoni se tintegra aspetti tal-finanzi diġitali fir-rieżamijiet leġiżlattivi kollha li jmiss, kull fejn ikun rilevanti.

²³ Il-konsultazzjoni enfasizzat ħafna kwistjonijiet fejn l-użu effiċjenti tal-għodod tal-IA jista' jiġi ostakolat minn prinċipji tal-GDPR bħall-anonimità tad-*data*, id-dritt li wieħed jintesa, id-drittijiet fir-rigward tar-regoli dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati, il-minimizzazzjoni tad-*data* u l-limitazzjoni tal-iskop.

Hekk kif l-innovazzjoni diġitali tavvanza, x'aktarx li jitqajmu kwistjonijiet regolatorji ġodda. Il-Kummissjoni se twettaq regolarment Sensibilizzazzjoni dwar il-Finanzi Diġitali biex tidentifika kwistjonijiet emerġenti. Abbażi ta' dan, se ttiprovdi gwida dwar l-interpretazzjoni tal-qafas regolatorju tal-UE permezz ta' komunikazzjonijiet interpretattivi regolari. L-ewwel komunikazzjoni interpretattiva li se tinħareġ fl-2021 se tiżgura aktar ċarezza dwar it-trattament tal-kriptoassi, li tikkumplementa l-proposti leġiżlattivi rilevanti tal-Kummissjoni.

Azzjonijiet ewlenin

Illum il-Kummissjoni qed ttipponi **qafas leġiżlattiv ġdid tal-UE għall-kriptoassi**, inklużi tokens b'referenza għall-assi (magħrufa wkoll bħala "stablecoins") u tokens ta' utilità.

Permezz ta' analiżijiet regolari, il-Kummissjoni se tiżgura li jitneħħew l-ostakli regolatorji materjali potenzjali għall-innovazzjoni li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji. Hija se ttiprovdi regolarment **gwida interpretattiva dwar kif il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar is-servizzi finanzjarji għandha tiġi applikata għal teknoloġiji ġodda.**

4.3. Il-promozzjoni tal-innovazzjoni fil-finanzi xprunata mid-data billi jiġi stabbilit spazju komuni għad-data finanzjarja

Fl-istrateġija l-ġdida tagħha għad-data għall-Ewropa²⁴, il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa għal aċċess aħjar għad-data u l-kondiviżjoni tad-data fi ħdan l-UE, u b'hekk jinħoloq aċċess usa' għad-data pubblika u privata għall-benefiċċju tan-nies, tan-negozji u tal-interess pubbliku usa'. Bħala parti minn dawn l-isforzi, u b'rabta mill-qrib mal-attivitajiet f'setturi oħra, il-Kummissjoni għandha l-għan li tistabbilixxi spazju komuni ta' data finanzjarja permezz ta' għadd ta' miżuri aktar speċifiċi stabbiliti f'din it-taqsim. L-għan tal-Kummissjoni huwa li tgħin fl-integrazzjoni tas-swieq kapitali Ewropej, tidderieġi l-investimenti f'attivitajiet sostenibbli, tappoġġa l-innovazzjoni u ġġib effiċjenzi għall-konsumaturi u n-negozji. Il-Kummissjoni se twaqqaf grupp ta' esperti tad-data f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ASE biex jipprovdu pariri dwar l-aspetti tekniċi tal-istabbiliment ta' spazju komuni ta' data finanzjarja.

- *L-iffaċilitar tal-aċċess diġitali f'ħin reali għall-informazzjoni finanzjarja regolata kollha*

Sal-2024, l-informazzjoni li għandha tiġi ppubblikata skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-servizzi finanzjarji għandha tiġi żvelata f'formati standardizzati u li jinqraw mill-magni. Bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni tas-CMU tagħha, il-Kummissjoni se timplimenta l-infrastruttura tal-UE biex tiffaċilita l-aċċess għad-divulgazzjoni kollha disponibbli pubblikament rilevanti għas-swieq kapitali.

L-istituzzjonijiet finanzjarji bħalissa huma meħtieġa jagħmlu pubblika ammont kbir ta' informazzjoni finanzjarja. F'kuntast diġitali, il-Kummissjoni beħsiebha tiżgura li l-informazzjoni regolata tiġi pprovdata f'formati elettroniċi li jinqraw mill-magni. Fir-rigward tad-divulgazzjoni pubblika, il-Kummissjoni beħsiebha tiżgura li l-informazzjoni finanzjarja li

²⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Strateġija għad-Data Ewropea, COM(2020) 66 final, 19.02.2020

diġà tkun disponibbli pubblikament mill-kumpaniji permezz tar-reġistri nazzjonali titqies bħala settijiet ta' *data* ta' valur għoli fil-kuntest tad-Direttiva dwar id-*Data* Miftuħa. Barra minn hekk, billi tibda bil-proposta dwar l-assi kriptografiċi, il-Kummissjoni se tipproponi emendi leġiżlattivi għal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-servizzi finanzjarji li jirrikjeddu li d-divulgazzjoni pubblika ssir disponibbli b'mod sistematiku f'formati li jinqraw mill-magni. Fil-kuntest tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, il-Kummissjoni se tappoġġa l-iżvilupp ta' infrastruttura u interoperabbiltà tal-UE biex tiffaċilita l-aċċess għad-divulgazzjonijiet kollha disponibbli pubblikament. Din l-infrastruttura se tkun imfassla biex tkun eliġibbli għal finanzjament potenzjali mill-programm il-ġdid Ewropa diġitali, li se jappoġġa l-iżvilupp tal-kapaċitajiet diġitali tal-UE biex javvanza l-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda u l-aċċessibilità għalihom.

- *Il-promozzjoni ta' għodod innovattivi tal-IT biex jiġu ffaċilitati r-rappurtar u s-superviżjoni*

Sal-2024, l-UE għandha l-għan li tistabilixxi l-kundizzjonijiet meħtieġa biex tippermetti l-użu ta' teknoloġiji innovattivi, inklużi l-għodod RegTech²⁵ u SupTech²⁶, għar-rappurtar superviżorju minn entitajiet regolati u s-superviżjoni mill-awtoritajiet. Hija għandha tippromwovi wkoll il-kondiviżjoni tad-*data* bejn l-awtoritajiet superviżorji. Filwaqt li tibni fuq l-eżiti tal-kontroll tal-idoneità tar-rekwiżiti ta' rapportar superviżorju²⁷, il-Kummissjoni, flimkien mal-ASE se tiżviluppa strateġija dwar id-*data* superviżorja fl-2021 biex tgħin tiżgura li (i) ir-rekwiżiti ta' rapportar superviżorju (inklużi definizzjonijiet, formati, u proċessi) ma jkunux ambigwi, ikunu allinjati, armonizzati u adatti għal rapportar awtomatizzat, (ii) isir użu sħiħ tal-istandards u l-identifikaturi internazzjonali disponibbli inkluż l-Identifikatur tal-Entità Legali, u (iii) id-*data* superviżorja tiġi rrapportata f'formati elettroniċi li jinqraw minn magna u tkun faċli biex tiġi kkombinata u pproċessata. Dan se jiffaċilita l-użu tal-għodod RegTech għar-rappurtar u l-għodod ta' SupTech għall-analiżi tad-*data* mill-awtoritajiet.

Il-Kummissjoni għandha wkoll l-għan li tiżgura li partijiet ewlenin tar-regolamentazzjoni tal-UE jkunu aċċessibbli għall-ipproċessar tal-lingwa naturali, ikunu jistgħu jinqraw minn magna u jkunu eżegwibbli, u b'mod aktar wiesa' jiffaċilitaw it-tfassil u l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar. Se tinkoraġġixxi wkoll l-użu ta' għodod moderni tal-IT għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali u tal-UE. Bħala l-ewwel pass fil-qasam tar-rappurtar li jista' jinqara minn magna u li jista' jiġi eżegwit, il-Kummissjoni nediet proġett pilota għal sett limitat ta' rekwiżiti ta' rapportar.

- *Il-promozzjoni tal-kondiviżjoni tad-*data* bejn in-negozji fis-settur finanzjarju tal-UE u lil hinn minnu (finanzjament miftuħ)*

²⁵ RegTech: It-Teknoloġija Regulatorja hija subsett ta' FinTech li tiffoka fuq teknoloġiji li jistgħu jiffaċilitaw it-twassil tar-rekwiżiti regulatorji b'mod aktar effiċjenti u effettivi mill-kapaċitajiet eżistenti

²⁶ SupTech: It-Teknoloġija tas-Superviżjoni hija subsett ta' FinTech li tuża teknoloġija innovattiva biex tappoġġa s-superviżjoni. Dan jgħin lill-awtoritajiet superviżorji biex jiddiġitalizzaw il-proċessi ta' rapportar u daww regulatorji

²⁷ https://ec.europa.eu/info/consultations/finance-2017-supervisory-reporting-requirements_en

Sal-2024, l-UE għandu jkollha fis-seħħ qafas ta' finanzjament miftuħ, f'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar id-Data, l-Att dwar id-Data li jmiss, u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali. Dan se jiġi kkoordinat mar-reviżjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Ħlas.

Id-Direttiva riveduta dwar is-Servizzi ta' Pagament (PSD2) immarkat pass importanti lejn il-kondiviżjoni u l-użu ta' *data* permessa mill-klijenti mill-banek u l-fornituri ta' partijiet terzi biex jinħolqu servizzi ġodda ("finanzjament miftuħ"). Il-Kummissjoni se tnedi r-reviżjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament fl-2021, inkluża valutazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

Il-finanzjament miftuħ jista' jwassal għal prodotti finanzjarji aħjar, pariri mmirati aħjar u aċċess imtejjeb għall-konsumaturi u aktar effiċjenza fit-tranżazzjonijiet bejn in-negozji. L-aċċess għal aktar *data* dwar il-klijenti jippermetti wkoll lill-fornituri tas-servizzi li joffru servizzi aktar personalizzati li huma mfassla aħjar għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-klijenti. Qafas regolatorju bilanċjat għall-kondiviżjoni tad-*data* dwar il-prodotti finanzjarji se jappoġġa lis-settur finanzjarju biex iħaddan bis-sħiħ il-finanzjament immexxi mid-*data*, u jipproteġi b'mod effettiv is-suġġetti tad-*data*, li għandu jkollhom kontroll sħiħ fuq id-*data* tagħhom.

Il-Kummissjoni għalhekk se tipproponi leġiżlazzjoni dwar qafas usa' ta' finanzjament miftuħ sa nofs l-2022. Se tibni fuq l-inizjattiva li jmiss li tiffoka fuq l-aċċess għad-*data*, inkluż l-Att dwar id-*Data* li jmiss, u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali²⁸. Il-Kummissjoni diġà qed tirrevedi l-politika tal-kompetizzjoni tagħha biex tiżgura li tkun adattata għall-era diġitali²⁹. F'dan il-kuntest, se tiddetermina wkoll jekk humiex meħtieġa miżuri speċifiċi għas-settur biex jiġi żgurat aċċess ġust għall-pjattaformi għall-fornituri kollha tas-servizzi finanzjarji. Kif imħabbar fl-istrateġija dwar il-pagamenti bl-immnut, il-Kummissjoni se tesplora inizjattivi fil-livell tal-UE biex tindirizza l-kwistjonijiet attwali ffaċċjati mill-fornituri tas-servizzi ta' pagament meta jippruvaw jaċċessaw antenni ta' komunikazzjoni qrib il-post (NFC) disponibbli fuq ċerti pjattaformi mobbli (bħal telefowns jew tablets) u użati għal pagamenti effettivi mingħajr kuntatt. Il-qafas ta' finanzi miftuħa se jibni wkoll fuq l-inizjattivi dwar l-identitajiet diġitali msemmija hawn fuq.

Azzjonijiet ewlenin

Il-Kummissjoni se temenda l-leġiżlazzjoni tal-UE biex tiżgura li l-informazzjoni żvelata pubblikament tkun disponibbli f'formati standardizzati u li jinqraw mill-magni, u se tistabbilixxi **infrastruttura ffinanzjata mill-UE għad-divulgazzjoni pubblika**.

Il-Kummissjoni se tippreżenta **strateġija dwar id-*data* superviżorja** fl-2021.

Il-Kummissjoni se tippreżenta proposta leġiżlattiva għal **qafas ta' finanzi miftuħa ġdid** sa nofs l-2022, billi tibni fuq u f'allinjament sħiħ ma' inizjattivi usa' ta' aċċess għad-*data*.

²⁸ <https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12417-Digital-Services-Act-deepening-the-Internal-Market-and-clarifying-responsibilities-for-digital-services>

²⁹ Il-Kummissjoni bħalissa qed tirrevedi r-regoli applikabbli għal ftehimiet orizzontali u vertikali, kif ukoll l-Avviż dwar id-Definizzjoni tas-Suq. Barra minn hekk, f'Ġunju 2020 il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika sabiex tivvaluta jekk tistax tkun meħtieġa Għodda Ġdida għall-Kompetizzjoni sabiex jiġu indirizzati l-problemi ta' kompetizzjoni strutturali li r-regoli tal-kompetizzjoni attwali ma jistgħux jindirizzaw bl-aktar mod effiċjenti. Aktar informazzjoni dwar dawn il-proċessi ta' rieżami tista' tinstab fis-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni: <https://ec.europa.eu/competition/consultations/open.html>

4.4. L-indirizzar tal-isfidi u r-riskji assoċjati mat-trasformazzjoni diġitali

It-trasformazzjoni diġitali tas-settur finanzjarju mhijiex mingħajr sfidi u riskji, li wħud minnhom huma trasversali fin-natura tagħhom minħabba l-ambjent diġitali nnifsu, filwaqt li oħrajn huma aktar speċifiċi għall-inizjattivi ta' politika individwali stabbiliti hawn fuq.

- *Is-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja, il-protezzjoni tal-investituri u tal-konsumaturi, abbażi tal-prinċipju tal-“istess attività, l-istess riskju, l-istess regoli”*

Sal-2024, ir-regolamentazzjoni u s-superviżjoni prudenzjali u tal-kondotta tal-UE għandhom jiġu adattati biex ikunu validi għall-futur għall-ekosistema finanzjarja li-ġdida, inklużi l-istituzzjonijiet finanzjarji regolati tradizzjonali u l-fornituri tat-teknoloġija li joffru servizzi finanzjarji.

Il-kumpaniji tat-teknoloġija — kbar u żgħar — qed jidħlu dejjem aktar f'servizzi finanzjarji, kemm direttament kif ukoll indirettament. Filwaqt li ħafna fornituri tat-teknoloġija issa qed joffru pagamenti u servizzi relatati, dawk li wiegħbu għall-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni jistennew li l-provvista online ta' servizzi finanzjarji oħra, bħas-self, l-assigurazzjoni u l-ġestjoni tal-assi għall-konsumaturi u n-negozji tiżviluppa aktar. Kumpaniji kbar tat-teknoloġija spiss jaġixxu wkoll bħala intermedjarji billi jiġbru flimkien diversi servizzi u prodotti ma' servizzi finanzjarji assoċjati, bħal pagamenti, finanzjament jew assicurazzjoni u b'hekk isiru swieq għas-servizzi finanzjarji. Dawn jistgħu jespandu s-servizzi finanzjarji malajr fil-bażijiet tal-utenti l-kbar tagħhom u jibdlu b'mod radikali l-istrutturi tas-suq, u xi kultant jaffettwaw il-kompetizzjoni b'mod negattiv. Fl-aħħar nett, kumpaniji kbar tat-teknoloġija jipprovdu wkoll ħafna mis-soluzzjonijiet tat-teknoloġija diġitali li jintużaw fl-għoti ta' servizzi finanzjarji, inklużi hardware, software u soluzzjonijiet ibbażati fuq il-cloud għall-industrija finanzjarja.

Il-kumpaniji tat-teknoloġija għalhekk x'aktarx li jsiru parti integrali mill-ekosistema finanzjarja, u ħafna minn dawk li wiegħbu għall-konsultazzjoni pubblika jistennew li r-riskji jiżdiedu bħala konsegwenza. Huwa importanti li jiġu indirizzati dawn ir-riskji kollha, mhux biss dawk li jaffettwaw il-klijenti (detenturi ta' polza, investituri u depożitanti) iżda wkoll kwistjonijiet usa' ta' stabbiltà finanzjarja u kompetizzjoni fis-swieq tas-servizzi finanzjarji. Tali kwistjonijiet huma sinifikanti kemm fir-rigward tal-forniment ta' servizzi finanzjarji minn kumpaniji tat-teknoloġija, kif ukoll tal-aċċess tal-konsumaturi u tan-negozji għalihom, kif ukoll l-effetti konsegwenzjali potenzjali bejn il-partijiet finanzjarji u mhux finanzjarji ta' gruppi mħallta. F'dan il-kuntest, ir-regolamentazzjoni u s-superviżjoni għandhom ikunu proporzjonati, ibbażati fuq il-prinċipju ta' “l-istess attività, l-istess riskju, l-istess regoli” u jagħtu attenzjoni partikolari lir-riskji ta' operaturi sinifikanti.

Barra minn hekk, it-teknoloġija qed tikkontribwixxi għat-tkissir tal-ktajjen tal-valur li qabel kienu integrati għal servizz finanzjarju partikolari. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tas-servizzi finanzjarji tradizzjonalment kienu offriti minn fornitur wieħed, it-teknoloġiji diġitali għamluha possibbli għad-ditti li jispeċjalizzaw f'parti partikolari fil-katina tal-valur. Dan iżid il-kompetizzjoni u jista' jtejjeb l-effiċjenza. Madankollu, dan jagħmel ukoll il-ktajjen tal-valur aktar kumplessi, u jagħmilha aktar diffiċli għas-superviżuri biex ikollhom stampa ġenerali tar-riskji fil-katina tal-valur, speċjalment jekk l-entitajiet involuti jkunu soġġetti għal oqfsa regolatorji u superviżorji differenti.

Il-Kummissjoni, fejn meħtieġ, se tadatta l-kondotta eżistenti u l-oqfsa legali prudenzjali tal-UE sabiex tkompli tissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja u tipproteġi lill-klijenti f'konformità mal-prinċipju ta' "l-istess attività, l-istess riskju, l-istess regoli". Il-Kummissjoni se tikkoopera mal-BĊE, il-banek ċentrali nazzjonali u l-awtoritajiet kompetenti f'dan il-proċess kif xieraq.

L-ewwel nett, kif stabbilit fl-Istrateġija għall-Pagamenti bl-Imnut, il-Kummissjoni se tirrevedi d-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament u d-Direttiva dwar il-Flus Elettroniċi.

It-tieni, se tivvaluta kif tista' tiġi żgurata superviżjoni komprensiva tal-ktajjen tal-valur aktar frammentati u tal-fornituri l-ġodda tas-servizzi finanzjarji. Possibbiltà waħda, inkluża fil-proposta dwar l-assi kriptografiċi ppreżentata flimkien ma' din l-istrateġija, hija li jiġi stabbilit kulleġġ superviżorju għall-ekosistema ta' katina tal-valur tas-servizzi finanzjarji partikolari. Dan itejjeb il-kooperazzjoni u jiżgura li ma jiġi injorat l-ebda riskju.

It-tielet, il-Kummissjoni se tesplora modi biex tiżgura li l-perimetru superviżorju prudenzjali jkun wiesa' biżżejjed biex ikopri r-riskji li jirriżultaw mill-provvediment ta' servizzi finanzjarji tad-ditti tal-pjattaformi u tat-teknoloġija u minn konglomerati u gruppi teknofinanzjarji. Għal dak il-għan, se teżamina jekk id-dispożizzjonijiet dwar is-superviżjoni tal-gruppi fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-servizzi finanzjarji, bħad-Direttiva dwar il-Konglomerati Finanzjarji (FICOD), għandhomx ambitu istituzzjonali wiesa' u flessibbli biżżejjed biex jadattaw għal struttura tas-suq finanzjarju li qed tinbidel b'mod kostanti irrispettivament mill-istruttura korporattiva u l-attivitajiet ewlenin tal-grupp. Is-superviżjoni supplimentari tar-riskji tal-grupp involuti mill-FICOD tista' tkun ukoll mod wieħed kif tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn is-superviżuri settorjali sabiex ikun hemm ħarsa ġenerali lejn is-servizzi finanzjarji raggruppati offruti minn diversi fornituri.

Ir-raba', il-Kummissjoni qed tikkunsidra l-ħtieġa għal proposti leġiżlattivi biex jiġu indirizzati r-riskji potenzjali li jirriżultaw minn operazzjonijiet ta' self potenzjali fuq skala kbira minn ditti barra mill-perimetru bankarju, li jistgħu jinvolvu kemm riskji mikro kif ukoll makroprudenzjali.

Biex tfejji dawn l-azzjonijiet, il-Kummissjoni qed titlob parir mill-awtoritajiet superviżorji Ewropej dwar kif għandhom jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' "l-istess attività, l-istess riskju, l-istess regoli", ktajjen tal-valur aktar frammentati, l-ambitu tal-perimetru superviżorju u r-riskji prudenzjali relatati mas-self mhux bankarju, u se tiddeċiedi dwar l-emendi leġiżlattivi meħtieġa sa nofs l-2022.

- *Il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-interess pubbliku*

L-UE għandha tintegra fil-miżuri kollha meħuda biex timplimenta din l-istrateġija l-oġettiv li kontinwament tagħti s-setgħa u tipproteġi lill-konsumaturi biex tiżgura li huma jibbenefikaw minn aċċess usa', taħt kundizzjonijiet sikuri, għal prodotti u servizzi innovattivi. Il-protezzjoni tal-interess pubbliku kontra r-riskju tal-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu u kwalunkwe mġiba finanzjarja ħażina oħra inkluża l-evalazzjoni tat-taxxa jenħtieġ li timxi 'l quddiem b'mod parallel.

F'dinja diġitali, il-konsumaturi u l-investituri jistgħu jaċċessaw firxa akbar ta' servizzi finanzjarji, inklużi servizzi orħos u aktar innovattivi. L-identitajiet diġitali interoperabbli se

jagħmluha aktar faċli biex wieħed jaċċessa dawn il-prodotti mill-bogħod u lil hinn mill-fruntieri. Fl-istess ħin, kien hemm kunsens wiesa' fost dawk li ħadu sehem fil-konsultazzjoni pubblika li meta l-kumpaniji tat-teknoloġija jiksbu sehem mis-suq fis-servizzi finanzjarji, il-konsumaturi se jiffaċċjaw riskji addizzjonali, li jistgħu jinkludu l-konsegwenzi mhux mixtieqa ta' tnaqqis potenzjali fil-kompetizzjoni.

Il-Kummissjoni se tintegra l-objettiv li tiffaċilita l-aċċess tal-konsumaturi għas-servizzi finanzjarji, filwaqt li tindirizza r-riskji għalihom, fl-implimentazzjoni tal-elementi kollha ta' din l-istrateġija. Qafas ġdid għall-identifikazzjoni remota sikura msemmi fit-taqsim 4.1, aċċess aktar faċli għall-iżvelar pubbliku u qafas ġdid ta' finanzjament miftuħ imsemmi fit-taqsim 4.3 huma partikolarment importanti f'dan ir-rigward.

Il-Kummissjoni se tivvaluta jekk u kif il-protezzjoni tal-konsumatur u l-aspetti ta' kondotta ta' numru ta' punti tal-leġiżlazzjonijiet tal-UE jistgħu jiġu mtejba biex jitqiesu modi diġitali ġodda ta' provvediment ta' servizzi finanzjarji. Il-qafas tas-servizzi finanzjarji settorjali jinkludi għadd ta' regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u tad-*data* personali, inklużi regoli dwar il-kondotta tan-negozju, id-divulgazzjoni tal-informazzjoni, l-affidabbiltà kreditizja jew il-pariri. Id-Direttiva dwar il-Kummerċjalizzazzjoni mill-Bogħod tas-Servizzi Finanzjarji tistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali fir-rigward tal-bejgħ ta' servizzi finanzjarji mill-bogħod. Fil-kuntest tar-rieżamijiet leġiżlattivi li jmiss, il-Kummissjoni se tivvaluta b'mod sistematiku jekk ir-regoli tal-protezzjoni tal-konsumatur u l-qafas regolatorju għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu u kwalunkwe mġiba finanzjarja ħażina oħra inkluża l-evazzjoni tat-taxxa humiex adattati għad-dinja diġitali, u tipproponi emendi leġiżlattivi fejn meħtieġ.

Fl-aħħar nett, sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi Ewropej ikunu konxji ta' dawn l-opportunitajiet u li l-prodotti u s-servizzi finanzjarji diġitali jissodisfaw il-potenzjal tagħhom fil-ġlieda kontra l-esklużjoni finanzjarja, il-Kummissjoni hija lesta li tgħin fil-finanzjament ta' programmi ta' litteriżmu finanzjarju li jiffukaw fuq id-diġitalizzazzjoni li għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri, pereżempju permezz tas-servizz ta' appoġġ għar-riforma strutturali. Il-Kummissjoni se tikkunsidra wkoll kif xieraq l-aspett diġitali tal-azzjonijiet proposti dwar il-litteriżmu finanzjarju fil-pjan ta' azzjoni tas-CMU³⁰.

- *It-tishih tar-reziljenza operazzjonali diġitali*

It-tisħiħ tar-reżiljenza operazzjonali diġitali tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji hija miżura trasversali meħtieġa. Id-dipendenza akbar fuq it-teknoloġiji diġitali u remoti bħala riżultat tal-Covid-19 uriet dan għal darb' oħra. L-UE ma tistax taffordja li jitqajmu dubbi dwar ir-reżiljenza u s-sigurtà operazzjonali tal-infrastruttura u s-servizzi finanzjarji diġitali tagħha. Hemm ukoll il-ħtieġa li jiġi minimizzat ir-riskju li l-fondi tal-klijenti jinsterqu jew li d-*data* tagħhom tiġi kompromessa. Flimkien ma' din l-istrateġija, illum il-Kummissjoni qed tippreżenta proposta mfassla biex issaħħaħ ir-reżiljenza operattiva tas-settur finanzjarju. Dan

³⁰ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - Unjoni tas-Swieq Kapitali għaċ-ċittadini u għan-negozji - pjan ta' azzjoni ġdid, COM(2020)590

jikkumplimenta r-reviżjoni li għaddejja tad-Direttiva dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni³¹.

Azzjonijiet ewlenin

Sa nofs l-2022, il-Kummissjoni se tipproponi l-adattamenti meħtieġa għall-qafas leġislattiv eżistenti tas-servizzi finanzjarji fir-rigward tal-protezzjoni tal-konsumatur u r-regoli prudenzjali, sabiex tiproteġi lill-utenti finali tal-finanzi diġitali, tissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja, tiproteġi l-integrità tas-settur finanzjarju tal-UE u tiżgura kundizzjonijiet ekwi.

Illum il-Kummissjoni qed tippreżenta proposta għal qafas ġdid tal-UE għat-tisħiħ tar-reżiljenza operazzjonali diġitali.

5. Konklużjoni

Din l-istrateġija tidentifika l-prijoritajiet u l-oġġettivi ewlenin għall-finanzi diġitali fl-Ewropa matul l-erba' snin li ġejjin, abbażi ta' riżultati minn kuntatti estensivi mal-partijiet ikkonċernati.

Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, il-Kummissjoni qed timpenja ruħha għal għadd ta' miżuri importanti.

Barra minn hekk, il-partijiet interessati privati, l-awtoritajiet nazzjonali u l-UE għandhom jaħdmu flimkien mill-qrib. Filwaqt li tibni fuq is-sensibilizzazzjoni dwar il-finanzi diġitali, il-Kummissjoni thegħeġ lill-konsumaturi, lin-negozji, lid-ditti finanzjarji stabbiliti, lill-kumpaniji ġodda tat-teknoloġija finanzjarja u lill-impjegati tagħhom biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv fl-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija. Il-Kummissjoni se taħdem flimkien mal-leġislaturi u l-komunità superviżorja kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali. L-Istati Membri u s-superviżuri nazzjonali għandhom ikomplu u jespandu l-inizjattivi innovattivi numerużi tagħhom, filwaqt li jamplifikaw l-effetti tagħhom lil hinn mis-swieq nazzjonali biex jinkludu s-suq uniku tal-UE kollu kemm hu.

Filwaqt li taġixxi flimkien, l-Ewropa tista' tmexxi l-finanzi diġitali, biex tappoġġa l-irkupru ekonomiku u tkun ta' benefiċċju għan-nies u n-negozji tal-Ewropa.

³¹Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1).